V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8989 — Sony/EMI Music Publishing)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 353/02)

1. Fil-21 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sony Corporation of America, ("Sony", l-Istati Uniti), li tappartjeni għall-grupp Sony,

— EMI Music Publishing ("EMI MP", ir-Renju Unit).

Sony takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' EMI MP kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sony: sussidjarja Amerikana ta' Sony Corporation of Japan, li, direttament u permezz tas-sussidjarji tagħha, hija attiva mad-dinja kollha f'diversi negozji, inklużi prodotti elettroniċi, logħob, servizzi ta' divertiment — inklużi films, programmi televiżivi, mużika rrekordjata u pubblikazzjoni tal-mużika —, u servizzi finanzjarji,

— EMI MP: pubblikazzjoni ta' mużika kummerċjali kkontrollata b'mod konġunt minn Sony u Mubadala, li l-katalogu tagħha ilu amministrat minn Sony/ATV Music Publishing ("Sony/ATV") sa mill-2012.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8989 — Sony/EMI Music Publishing

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË